MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 2481/2000/1

**Ivan Cutajar**

***Versus***

***Joseph Bezzina & Company Limited* u *Mac Limited***

F'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob il-ħlas tal-prezz ta' ħaġa mibjugħa; il-konvenuti b'rikonvenzjoni qegħdin ifittxu għad-danni.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi bi ftehim tat-13 ta' Marzu 1999 ma' l-ewwel konvenuta, is-soċjetà *Joseph Bezzina & Company Limited*, l-attur intrabat li jfornixxi u jbigħ lis-soċjetà konvenuta l-oħra *Mac Limited*, kumpannija sussidjarja ta' l-ewwel konvenuta, apparat li b'kollox jiswa għaxart elef lira (Lm10,000). Il-prezz kellu jitħallas bi ħlasijiet ta' mitejn lira (Lm200) fix-xahar mingħajr imgħax. L-apparat kien konsenjat u l-attur tħallas elfejn u mitejn lira (Lm2,200); ħlasijiet ta' mitejn lira (Lm200) kull darba saru kemm mill-ewwel konvenuta kif ukoll mit-tieni waħda. Wara dan, iżda, il-konvenuti ma għamlux aktar ħlasijiet, għalkemm l-attur sejħilhom, ukoll b'ittra uffiċjali tal-10 t'April 2000, u,

sa dakinhar li nfetħet din il-kawża, kellhom jagħmlu ħlasijiet ta’ elf u tmien mitt lira (Lm1,800) akkont.

L-attur għalhekk fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti tikkundanna lill-konvenuti jħallsu elf u tmien mitt lira (Lm1,800), flimkien ma’ l-ispejjeż, fosthom dawk ta’ l-ittra uffiċjali tal-10 t’April 2000, u l-imgħax bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena minn dakinhar ta’ l-ittra uffiċjali.

Iż-żewġ konvenuti flimkien ressqu l-eċċezzjoni illi ma għandhom iħallsu lill-konvenut lanqas “xi farka ta’ milleżmu” u għalhekk huma “jirrespinġu l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet ta’ l-attur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt” u jgħidu li ma għandhomx ibatu spejjeż. Inqdew ukoll bil-proċeduri mibdija mill-attur biex iressqu l-kontro-talbiet tagħhom. Qalu illi bi ħtija ta’ l-attur huma ġarrbu danni u għalhekk b’rinkonvenzjoni talbu illi l-qorti tgħid illi:

1. l-attur waħdu jaħti għad-danni li ġarrbu l-konvenuti jew xi waħda minnhom;
2. l-attur għalhekk għandu jagħmel tajjeb għad-danni li jiġu likwidati;
3. l-attur ma għandu jieħu xejn mingħand il-konvenuti;
4. l-attur għandu jħallas l-imgħaxijiet kummerċjali kollha minn dakinhar li tgħid il-qorti;
5. il-konvenuti ma għandhomx ibatu spejjeż; u
6. id-danni kif likwidati huma dawk li jirrużaltaw lill-qorti.

Talbu wkoll l-ispejjeż kollha, kemm ġudizzjarji kif ukoll *extra*-ġudizzjarji.

Għall-kontro-talbiet l-attur ressaq l-eċċezzjoni illi hu qatt ma għamel danni lill-konvenuti, u għalhekk il-kontro-talbiet huma “infondati fil-fatt u fid-dritt”.

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk: fit-13 ta’ Marzu 1999 kien sar ftehim li fil-pre-ambolu tiegħu jgħid li hu ftehim bejn l-attur min-naħa l-waħda u l-konvenuta *Jospeh Bezzina & Company Limited* min-naħa l-oħra. L-istipulazzjonijiet tal-ftehim juru, iżda, illi l-konvenuta l-oħra, *Mac Limited*, ukoll kienet parti. Il-ftehim huwa dwar impjieg u bejgħ ta’ *stocks* u ta’ apparat. Il-parti relevanti għall-għanijiet tat-talba ta’ l-attur hija dik dwar bejgħ ta’ apparat, li tgħid hekk:

Illi dwar l-apparat dan qiegħed jiġi valutat komplessivament fis-somma ta’ għaxart elef lira maltin (Lm10,000) li sejjer jiġi mibjugħ lis-soċjetà kummerċjali

*Mac Limited* u li jitħallas bir-rata ta' mitejn lira maltin (Lm200) fix-xahar mingħajr ebda forma ta' mgħax … … …

Il-konsulent [*i.e.* l-attur] ikun responsabbli li l-apparat li jiġi mibjugħ lis-soċjetà kummerċjali *Mac Limited* ikun ħieles minn kwalsiasi difett ovvju jew difett li huwa bħala espert kien fl-obbligu li jagħraf u li allura fin-nuqqas ta' dan jekk jirriżulta dan id-difett l-ammont miftiehem ta' għaxart elef lira maltin (Lm10,000) jiġi ridott inkluż il-mod kif isir il-pagament proporzjonalment għad-difetti li jirriżultaw. Din il-kundizzjoni tibqa' fis-seħħ biss għall-ewwel sitt xhur, *ossia* waqt li jkun għaddej il-perijodu ta' prova bejn il-konsulent bħala impjegat ta' *Mac Limited … … …*

Il-konvenuti ma humiex qegħdin jiċħdu li kellhom iħallsu lill-attur għaxart elef lira (Lm10,000) ta' l-apparat u li, wara li kienu ħallsuh biss elfejn u mitejn lira (Lm2,200), ma komplewx jagħmlu l-ħlasijiet ta' kull xahar. Qegħdin igħidu iżda illi l-apparat kellu xi difetti.

Madankollu, mhux biss ma ressqu ebda prova li tassew kien hemm xi difetti iżda wkoll il-ftehim kien illi tnaqqis fil-prezz miftiehem minħabba difetti kellu jsir biss sa sitt xhur wara li kien sar il-ftehim. Il-konvenuti baqgħu jħallsu sa ħdax-il xahar wara li kien sar il-ftehim, u għalhekk ma jistgħux issa jressqu l-allegazzjoni dwar difetti.

Għalhekk, ma hemm xejn illi jħoll lill-konvenuti milli jkomplu jagħmlu l-ħlasijiet miftiehma kull xahar. Billi, sakemm infetħet il-kawża, kienu qabżu disa' (9) ħlasijiet ta' mitejn lira (Lm200) kull wieħed, it-talba ta' l-attur għall-ħlas ta' elf u tmien mitt lira (Lm1,800) għandha tintlaqa'.

Jifdal biss li naraw jekk il-ħlas għandux isir biss minn *Mac Limited* bħala xerrejja jew miż-żewġ konvenuti flimkien.

Għalkemm fil-ftehim jingħad illi kienet *Mac Limited* li kienet qiegħda tixtri, madankollu *Joseph Bezzina & Company Limited* ukoll kienet parti fil-ftehim li għalhekk jorbot lilha wkoll. Billi d-dejn huwa wieħed kummerċjali, iż-żewġ konvenuti huma marbutin *in solidum* biex iħallsu.

Ngħaddu issa biex inqisu l-kontro-talba.

Il-konvenuti qegħdin jallegaw illi bi ħtija ta' l-attur ġarrbu ħafna danni. Il-provi li ressqu, iżda, għalkemm għonja ħafna fil-kliem u fil-karti miktuba, huma foqra ħafna fis-sustanza. Huma biss allegazzjonijiet li ma jiswew xejn bħala prova, kitbiet *quæ non probant nisi contra*

*scribentem*, u wegħdiet li sejrin jitressqu dak u l-ieħor biex jixhdu u li minnhom ma immaterjalizza xejn.
Fin-nuqqas totali ta’ provi serji, din il-qorti mingħajr ebda esitazzjoni tiċħad bħala għalkollox frivoli u vessatorji l-kontro-talbiet u anzi ċċanfar lill-konvenuti talli, bi ħtija tagħhom, inħela aktar ħin milli hu xieraq biex setgħet tinqata’ din il-kawża.
Il-qorti għalhekk taqta’ l-kawża billi, wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u l-kontro-talbiet tagħhom, tikkundanna liż-żewġ konvenuti flimkien *in solidum* iħallsu lill-attur elf u tmien mitt lira (Lm1,800) flimkien ma’ l-imgħaxijiet u l-ispejjeż mitluba fiċ-ċitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------